



Dokument ta' sessjoni

B9-0128/2020

4.3.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar miżuri urġenti li jappoġġjaw it-territorji u l-intrapriżi affettwati mill-coronavirus

Carlo Fidanza, Raffaele Fitto, Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar miżuri urġenti li jappoġġjaw it-territorji u l-intrapriżi affettwati mill-coronavirus

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi huwa meħtieġ li jiġi promoss pjan ewlieni għall-irkupru tal-investiment pubbliku fl-Istati Membri l-aktar affettwati mill-coronavirus anki permezz tal-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment;
- B. billi jqis li huwa opportun li l-ispejjeż għall-investimenti u dawk maħsuba biex jiffaċċjaw l-emerġenza għandhom ikunu separati mill-kalkolu tal-proporzjon tad-defiċit/il-PDG previst mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
- C. billi huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw l-għażla li jallokaw parti mill-fondi Ewropej għall-perjodu 2014-2020 li jkunu għandhom ma ntefqux għall-emerġenza tal-coronavirus mingħajr in-neċessità ta' kofinanzjament nazzjonali;
- D. billi koordinazzjoni mill-Kummissjoni hija indispensabbli sabiex jiġu adottati proċeduri komuni u mhux diskriminatorji għall-imblukkar ta' titjiriet u għall-applikazzjoni ta' "parir kontra l-ivvjaġġar" fir-rigward tal-Istati Membri u tar-reġjuni milquta mill-coronavirus;
- E. billi huwa importanti li tiġi sospiża sa sena l-applikazzjoni tad-definizzjonijiet ta' "default" għall-individwazzjoni ta' self wara data tal-għeluq u li tiġi riveduta l-iskeda ta' kontijiet ta' provvediment awtomatiċi għal self improduttiv;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' miżuri urġenti li jappoġġja t-territorji u l-intrapriżi affettwati mill-coronavirus u li jkun fih il-miżuri stipulati hawn fuq.